# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis hmistax (15) ta' Gunju 2017**

**Rikors Numru 145/15 FDP**

**Vella Falzon Building Supplies Limited**
**(C 27707)**

**vs**

**Simeon Valentinov Ivanov**
**(ID 40387A)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 19 ta' Mejju 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' hamest elef, seba mija u tmienja u tletin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€5,738.88) oltre l-imghax legali fuq l-istess somma rappresentanti l-bilanc pendenti minn somma aktar dovuti minnek ghal prezz ta' materjal mibugh u kkonsenjat lilu mis-socjeta rikorrenti fis-snin 2013 u 2014.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali, tal-Mandat ta' Sekwestru 843/15 u tal-Mandat ta' Qbid 840/15.

Rat l-Istatement of Account datat 26 ta' Novembru 2014 esebit mis-socjeta rikorrenti flimkien mar-rikors promotur, a fol 3 tal-process, kif ukoll dokumentazzjoni ulterjuri.

Rat l-eccezzjonijet fil-meritu ppresentati mill-intimat fl-1 ta' Lulju 2015 fejn eccepixxa, preliminarjament, illi l-esponenti ma kienx il-legittimu kontradittur u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt illi, fil-meritu, huwa sahaq illi l-ammont reklamat mis-socjeta attrici ma kienx dovut.

Semghet ix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, **Alexis Vella Falzon**, moghtija fit 22 ta' Ottubru 2015 u fit 30 ta' Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Zlati Dimitrov Zlatev**, moghtija fil-lingwa Ingliza fit 30 ta' Novembru 2015.

Rat illi fit 30 ta' Novembru 2015 il-Qorti ordnat illi jingiebu provi biss dwar l-eccezzjoni ta' legittimu kontradittur.

Rat id-dokumentazzjoni esebita fl-1 ta' Frar 2016 mis-socjeta rikorrenti, wara liema dokumentazzjoni is-socjeta rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta fil-konfront ta'l-eccezzjoni ta' legittimu kontradittur.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Simeon Valentinov Ivanov** moghtija fil-11 ta' April 2016 u fis 7 ta' Lulju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Valentine Ivanov** moghtija fil 11 ta' Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Joanna Bartolo,** rappresentanta tal-Bank of Valletta plc u moghtija fit 23 ta' Jannar 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat illi fit 23 ta' Jannar 2017 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresneta dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.

Semghet il-kontro ezami ta' Simeon Valentinov Ivanov moghtija fl-20 ta' Marzu 2017 u fit 3 ta' April 2017.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 22 ta' Mejju 2017 dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur, wara liema trattazzjoni, il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta rikorrenti kienet qieghda tmexxi kontra l-intimat ghal materjal allegatament ipprovdut lill-istess intimat bejn is-16 ta' Settembru 2013 u l-1 ta' Ottubru 2014, kif jidher fil-'Statement of Account' esebit mill-istess socjeta flimkien mar-rikors promotur a fol 3 tal-process, in sostenn tat-talba taghha.

Jirrizulta wkoll illi tali statement kien anke jinkludi talba ta' rifuzjoni ghal xoghlijiet illi allegatament saru hazin da' parte ta' l-intimat gewwa l-Intercontinental Hotel, Paceville, kif jidher dettaljat fl-Invoice Nru 95843 datata 11 ta' Gunju 2014 a fol 20 tal-process.

Jirrizulta illi l-intimat jikkontendi illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur peress illi tali xoghlijlet u materjal gie pprovdut lis-socjeta Style Décor Limited u mhux lilu personalment.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat ifforma s-socjeta Style Décor Limited fl-24 ta' Jannar 2011, kif jidher a fol 47 tal-process.

Jirrizulta ukoll illi l-istess socjeta Style Décor Limited ottjeniet certifikazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bin-numru MT20211624 mahrug fil 11 ta' Frar 2011 b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, kif jrrizulta mic-certifikat esebit a fol 50 tal-process.

Jirrizulta illi fit 8 ta' Novembru 2011, is-socjeta rikorrenti kienet kitbet lill-APS Bank, fuq talba ta'l-intimat, sabiex is-socjeta Style Décor Limited tinghata facilita' bankarja mill-istes Bank, kif jidher fl-ittra esebita a fol 118 tal-process.

Jirrizulta, skond dina l-istess ittra, illi s-socjeta Style Décor Limited kellha, fost l-varji appalti moghtija lilha, appalt gewwa l-Intercontinental Hotel, li kien l-istess appalt illi eventwalment ghalih is-socjeta rikorrenti harget invoice Nru 95843 datat 11 ta' Gunju 2014 bhala rifuzjoni ghal xoghol hazin illi sar.

Jirrizulta, finalment, illi l-invoice esebita mis-socjeta rikorrenti in sostenn tat-talba attrici, kif ukoll invoices sussegwenti esebiti, lkoll juru illi n-numru tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud utilizzat mis-socjeta rikorrenti kull meta harget invoice kien in-numru MT20211624, ossija in-numru tas-socjeta Style Décor Limited.

Jirrizulta, apparti minn dana kollu, illi s-socjeta Style Décor Limited kienet iffurmata fl-24 ta' Jannar 2011 u s-socjeta rikorrenti kienet ben a korrent ta' l-esistenza taghha tant illi sahansitra kitbet ittra biex tinghata facilita' bankarji, persumibbilment sabiex l-istess socjeta rikorrenti tithallas ghall-materjal illi hija kienet forniet lis-socjeta Style Décor Limited.

Jirrizulta, ghalhekk, illi huwa ben ippruvat illi t-transazzjonijet kollha illi saru mis-socjeta rikorrenti kient mas-socjeta Style Décor Limited u mhux ma' l-intimat Simeon Valentinov Ivanov, u ghalhekk l-eccezzjoni illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittu ghandha tintlaqa'.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha migbura dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur imressqa mill-intimat,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' l-intimat fejn sahaq illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur, u ghalhekk,

**Tillibera** lill-intimat Simoen Valentinov Ivanov mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kif dedotti.

Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur